

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/48/KE

tas-26 ta' Lulju 2007

li temenda d-Direttiva 2003/90/KE li tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalogu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(2) (a) u (b) tagħha,

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2003/90/KE huma sostitwiti bit-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Billi:

Għall-eżamijiet mibdija qabel l-1 ta' Novembru 2007, l-Istati Membri jistgħu japplikaw id-Direttiva 2003/90/KE fil-verżjoni li tapplika qabel l-emenda tagħha minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/90/KE⁽²⁾ ġiet adottata sabiex tiżgura li l-varjetajiet li l-Istati Membri jinkludu fil-katalgi nazzjonali tagħhom jikkonformaw mal-linji ta' gwida stabbiliti mill-Uffiċċju Komunitarju għall-Varjetajiet tal-Pjanti (*Community Plant Variety Office* — CPVO) fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami tal-varjetajiet, sa fejn kienu ġew stabbiliti linji ta' gwida bħal dawn. Għal varjetajiet oħra, dik id-Direttiva tipprovdi li għandhom japplikaw il-linji ta' gwida ta' l-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (*International Union for the Protection of new Varieties of Plants* — UPOV).

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni, it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

- (2) Is-CPVO u l-UPOV sadanittant ħarġu linji ta' gwida ulterjuri għal għadd ta' speċi oħra, u aġġornaw dawk eżistenti.
- (3) Id-Direttiva 2003/90/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għaż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikultura, l-Ortikultura u l-Forestrija.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Novembru 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 254, 8.10.2003, p. 7. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Direttiva 2005/91/KE (ĠU L 331, 17.12.2005, p. 24).

Artikolu 5

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

“ANNEX I

Lista ta' speċi msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) li għandhom jikkonformaw mal-protokoll tat-test tas-CPVO

Speċi elenkati fil-Katalgu Komuni	Protokoll tas-CPVO
Piżelli	Piżelli, TP 7/1 tas-6.11.2003
Kolza	Kolza, TP 36/1 tal-25.3.2004
Ġirasol	Ġirasol, TP 81/1 tal-31.10.2002
Ħafur	Ħafur, TP 20/1 tas-6.11.2003
Xgħir	Xgħir, TP 19/2 tas-6.11.2003
Ross	Ross, TP 16/1 tat-18.11.2004
Segala	Segala, TP 58/1 tal-31.10.2002
Tritikali	Triticale, TP 121/2 tat-22.1.2007
Qamħ	Qamħ, TP 3/3 tas-6.11.2003
Qamħ durum	Qamħ durum, TP 12/02 tas-6.11.2003
Qamħirrum	Qamħirrum, TP 2/2 tal-15.11.2001
Patata	Patata, TP 23/2 ta' l-1.12.2005
Kittien	Kittien, TP 57/1 tal-21.3.2007

It-test ta' dawn il-protokoll jinsab fuq il-websajt tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

ANNEX II

Lista ta' speċi msemmija fl-Artikolu 1(2)(b) li għandhom jikkonformaw mal-linji ta' gwida tat-test tal-UPOV

Speċi elenkati fil-Katalgu Komuni	Il-linji ta' gwida tal-UPOV
<i>Fodder beet</i>	<i>Fodder beet</i> , linja ta' gwida TG/150/3 ta' l-4.11.1994
<i>Velvet bent</i>	<i>Bent</i> , linja ta' gwida TG/30/6 tat-12.10.1990
<i>Red top</i>	<i>Bent</i> , linja ta' gwida TG/30/6 tat-12.10.1990
<i>Creeping bent</i>	<i>Bent</i> , linja ta' gwida TG/30/6 tat-12.10.1990
<i>Brown top</i>	<i>Bent</i> , linja ta' gwida TG/30/6 tat-12.10.1990
<i>Rescue grass</i>	<i>Rescue grass</i> , linja ta' gwida TG/180/3 ta' l-4.4.2001
Bunixxief ta' l-Alaska	Bunixxief ta' l-Alaska, linja ta' gwida TG/180/3 ta' l-4.4.2001
Sieq is-serduk	Sieq is-serduk, linja ta' gwida TG/31/8 tas-17.4.2002

Speċi elenkati fil-Katalgu Komuni	Il-linji ta' gwida tal-UPOV
<i>Tall fescue</i>	<i>Tall fescue</i> , linja ta' gwida TG/39/8 tas-17.4.2002
<i>Sheep's fescue</i>	<i>Sheep's fescue</i> , linja gwida TG/67/5 tal-5.4.2006
<i>Meadow fescue</i>	<i>Meadow fescue</i> , linja ta' gwida TG/39/8 tas-17.4.2002
<i>Red fescue</i>	<i>Red fescue</i> , linja ta' gwida TG/67/5 tal-5.4.2006
Sikrana Taljana	Sikrana, linja ta' gwida TG/4/8 tal-5.4.2006
Sikrana perenni	Sikrana, linja ta' gwida TG/4/8 tal-5.4.2006
Sikrana ibrida	Sikrana, linja ta' gwida TG/4/8 tal-5.4.2006
<i>Timothy</i>	<i>Timothy</i> , linja ta' gwida TG/34/6 tas-7.11.1984
<i>Smooth-stalked meadow grass</i>	<i>Kentucky bluegrass</i> , linja ta' gwida TG/33/6 tat-12.10.1990
Lupin abjad	Lupin abjad, linja ta' gwida TG/66/4 tal-31.3.2004
Lupin blu	Lupin blu, linja ta' gwida TG/66/4 tal-31.3.2004
Lupin isfar	Lupin isfar, linja ta' gwida TG/66/4 tal-31.3.2004
Alfa Alfa	Alfa Alfa, linja ta' gwida TG/6/5 tas-6.4.2005
Silla ħamra	Silla ħamra, linja ta' gwida TG/5/7 ta' l-4.4.2001
Silla bajda	Silla bajda, linja ta' gwida TG/38/7 tad-9.4.2003
Favetta	Favetta, linja ta' gwida TG/8/6 tas-17.4.2002
Silla tal-blat	Silla tal-blat, linja ta' gwida TG/32/6 tal-21.10.1988
<i>Swede</i>	<i>Swede</i> , linja ta' gwida TG/89/6 ta' l-4.4.2001
Ravanell ta' l-għalf	Ravanell ta' l-għalf, linja ta' gwida TG/178/3 ta' l-4.4.2001
Karawett	Karawett, linja ta' gwida TG/93/3 tat-13.11.1985
Rapa tan-nevew	Rapa tan-nevew, linja ta' gwida TG/185/3 tas-17.4.2002
Għosfor	Għosfor, linja ta' gwida TG/134/3 tat-12.10.1990
Qoton	Qoton, linja ta' gwida TG/88/6 ta' l-4.4.2001
Xaħxieħ vjola	Xaħxieħ/Peprin, linja ta' gwida TG/166/3 ta' l-24.3.1999
Ġargir abjad	Ġargir abjad, linja ta' gwida TG/179/3 ta' l-4.4.2001
Ful tal-ġibra	Ful tal-ġibra, linja ta' gwida TG/80/6 ta' l-1.4.1998
Sorgu	Sorgu, linja ta' gwida TG/122/3 tas-6.10.1989

It-test ta' dawn il-linji ta' gwida jinsab fil-websajt tal-UPOV (www.upov.int)."